**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 15 ta` Frar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandro Camilleri)**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Liza May Camilleri nee’ Carabott**

**Kump No: 521/2014**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Liza May Camilleri nee’ Carabott, detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 594685M, fejn giet akkuzata talli fix-xhur u s-snin ta’ qabel l-10 ta’ Settembru 2004 f’dawn il-gzejjer u

/ jew bejn l-10 ta' Settembru 2004 u t-28 ta' Mejju 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta u / jew f'partijiet ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. bil-ħsieb li tagħmel ħsara lil xi persuna u cioe' lil Emanuel Camilleri, akkużat lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innoċenti, għall-fatt biss li tkun akkużatu;

2. u aktar talli fi proċeduri ċivili jew kriminali, ikkorrompiet xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jagħti xiehda falza, jew jagħmel perizja falza jew jagħti tifsir falz liema xiehda jew perizja falza jew tifsir falz ġew mogħtija;

3. u aktar talli tagħat xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata u cioe' Emanuel Camilleri;

4. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi tagħat xiehda falza f'materja ċivili;

5. u aktar talli ħalfet il-falz quddiem imħallef, maġistrat u / jew quddiem uffiċjal ieħor li kellu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament

meta l-ġurament kien meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza u / jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta;

6. u aktar talli bil-qerq ħolqot jew ġiegħlet jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra u cioe' Emanuel Camilleri, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;

7. u aktar talli iddenunzjat lill-Pulizija Eżekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq ħolqot it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar;

8. u aktar talli bhala persuna li kellha r-responsabbiltà ta' tifel / tifla ta' taħt it-tnax -il sena, b'atti persistenti ta' għemil jew ta' nuqqas ta' għemil, haqret lit-tifel / tifla jew ġiegħlet jew ippermettiet il-moħqrija tat-tifel / tifla u / jew traskurat lit-tifel / tifla fil-bżonnijiet tieghu / taghha ta' nutrizzjoni adegwata, ta' lbies adegwat, ta' kenn adegwat, u ta' protezzjoni adegwata biex ma tiġrilux / liex ħsara u / jew li persistentement offendiet id-dinjità u l-karattru tat-tifel / tifla b'mod gravi u / jew persistentement imponiet fuq it-tifel / tifla xogħol mhux adattat għall-età tieghu / taghha jew xogħol fiżiku iebes;

9. U aktar talli bl-imġieba tagħha ikkaġunat lil Leanne Camilleri biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew

kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta kienet taf jew imissha kienet taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil Leanne Camilleri hekk tibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħatja sservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tas-17 ta' Marzu 2016 (ara *folio* 434) u l-kunsens (sabiex il-kaz jissokkta u jigi deciz bir-rit sommarju) ta` l-imputata ta' l-20 ta' Novembru 2018 (ara folio 620);

Qieset is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet maghmula permezz tan-noti rispettivi taghhom.

Hasbet fit-tul;

**Ikkunsidrat;**

Illi meqjusa sew l-atti voluminuzi ta` dan il-kaz, sejrin jigu puntwalizzati l-pilastri principali li jikkaratterizzaw dan il-procediment.

1. Is-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali tat-2 ta` Mejju 2013 (App. Nru. 397/2011 LQ) fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis" (ara folio 205 tal-atti ta` l-inkjesta);

2. Is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali tad-29 ta` Settembru 2011 (kump. Nru. 559/2004 MH) fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Emanuel Camilleri" (ara volume 8 tal-atti ta` l-inkjesta);

3. Id-depozizzjonijiet varji ta` Leanne Camilleri (bint il-protagonisti Liza May Camilleri u Emanuel Camilleri), u ta` Emanuel Camilleri;

4. Id-depozizzjoni ta` l-imputata quddiem din il-Qorti (ara folio 638 ta` l-atti), id-depozizzjoni taghha fl-inkjesta (ara folio 221 ta` l-atti ta` l-inkjesta) u l-istqarrija taghha a folio 40 ta` l-atti processwali;

5. Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (li taghha qed tittiehed konjizzjoni gudizzjarja minn din il-Qorti tal-Magistrati) ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2017 (Rikors kostituzzjonali numru 50/2013 JRM) fl-atti fl-ismijiet "Emanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja u l-Kummissarju tal-Pulizija; u b'dikriet tas-6 ta' Mejju 2014 issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali";

6. Is-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali (li taghha qed tittiehed konjizzjoni gudizzjarja minn din il-Qorti tal-Magistrati) ta' l-20 ta' Lulju, 2015 (Appell Kriminali Numru. 363/2014 AM) fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Leanne Camilleri";

**Ikkunsidrat**;

Illi, ezaminata l-evidenza mressqa fil-procediment odjern quddiem din il-Qorti, u dana fid-dawl tas-sentenzi appena hawn fuq citati, johrog car illi dan il-process odjern ma kien xejn hlief prolungament tat-tragedja li laqtet u hakmet lill-familja kollha Camilleri. Din it-tragedja, li kapitolu iehor minnha hija propju din il-kawza odjerna, hija karatterizzata minn verzjonijiet multipli tal-protagonisti kollha, verzjonijiet li l-ewwel jaqblu mbaghad ma jaqblux, verzjonijiet konfliggenti, verzjonijiet ta` cahda, verzjonijiet fejn bazikament kulhadd jghid tieghu u jippretendi li l-verzjoni tieghu/taghha hija dik li ghandha titwemmen.

Li hu zgur hu li l-prosekuzzjoni, fil-kaz odjern ta` kontra Liza May Camilleri, irnexxielha tilhaq sew il-grad tal-possibbli – ghax mill-verzjonijiet kollha mressqa, kollox huwa possibbli; u f'certu istanzi, l-prosekuzzjoni lehqet ukoll il-grad tal-probabbli. Kif inhu risaput pero`, dawn iz-zewg gradi ta` prova ma jiswewx ghall-kaz tal-prosekuzzjoni.

Meqjusa sew ir-rizultanzi processwali, fl-assjem taghhom, u fic-cirkostanzi partikolari ta` din it-tragedja, din il-Qorti ma tista qatt tasal biex tiddikjara li l-prosekuzzjoni, a bazi ta` dak kollu mressaq, setghet tkun skont il-Ligi, ta` success fil-kaz taghha kontra l-imputata. Sejbien ta` htija fil-konfront ta` Liza May Camilleri tkun wahda, fil-fehema ta` din il-Qorti, *unsafe and unsatisfactory*.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, SSIB U TIDDIKJARA LIL LIZA MAY CAMILLERI MHUX HATJA TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TAGHHA U MINNHOM TILLIBERAHA SKONT IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur